MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Talba Numru. 1188/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Malvin Catania (K.I. 545386M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' disa' mija sitta u erbghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€946.63) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (dokument 'A' ta' rendikont anness mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat.

Illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa' nadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez inkluzi u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi t-talba attrici qed tigi kkontestata stante li l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ lil Dr Charlene Briffa tikkonferma li l-ammont fit-talba kien ghadu dovut u gew pprezentati dokumenti fl-atti. Ra li permezz ta’ nota datata 23 ta’ Frar, 2011, l-istess avukat difensur tas-socjeta’attrici rriduciet it-talba ghal sitt mija wiehed u tletin ewro u disghin centezmu (€631.90) peress illi l-istess konvenut irritorna hwejjeg mobiljari properjeta’ tas-socjeta’ attrici.

Ra li fit-28 ta’ Marzu, 2011 l-avukat difensur tal-konvenut ipprezenta nota t’ ammissjoni in vista tar-riduzzjoni fl-ammont tat-talba mis-socjeta’ attrici.

It-Tribunal fic-cirkostanzi tal-kaz ra li s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal u ha jiehu konjizzjoni tal-fatt illi kien hemm riduzzjoni fit-talba.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici fis-somma kif ridotta u jikkundana lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sitt mija wiehed u tletin ewro u disghin centezmu (€631.90).

Spejjez sopportati mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------